L-Orizzont

LORNA VASSALLO

Data tal-Pubblikazzjoni: 30 ta' Jannar, 2003

## 0.0086575 Euros jew negligibbli

Dan l-ahhar l-Unjoni Ewropea harget rapport interessanti hafna li fakkarni f'meta l-Maltin xtraw lura l-gzejjer taghhom minghand Gonsalvo Monroy dak iz-zmien ma nafx ghal kemm-il fjorin (minghalija xi 30,000 fjorin). Irrapport ta' l-Unjoni fil-fatt kien jittratta kemm gew jiswew lil kull cittadin ta' kull pajjiz membru prezentement l-ghaxar pajjizi li se jkunu membri godda fl-Unjoni.

Ghas-snin 2004 – 2006 dawn l-ghaxar pajjizi f'daqqa se jiswew lill-Unjoni 27.5 biljun Ewro u l-unjoni se thallas lil dawn il-pajjizi 3.3 biljun Ewro fl-2004, u 5 biljun Ewro fis-snin 2005 u 2006.

Dan ifisser li l-Unjoni se thallas 40.8 biljun Ewro u tiehu lura 13.3 biljun Ewro minghand il-pajjizi membri godda. Jekk nahdmu dawn it-tnejn insibu li ghalhekk lill-Unjoni l-pajjizi l-godda se jqumulha 27.5 biljun Ewro. Jekk imbaghad naqsmu din is-somma fuq kull cittadin Ewropew li joqghod fil-pajjizi digà membri dan ifisser li kull cittadin 'xtara' l-pajjizi l-godda b'25 Ewro!

Ovvjament 'xtara' jfisser – xtara d-dritt li eventwalment jahdem gewwa fihom, jixtri proprjetajiet gewwa fihom, jivvota gewwa fihom – fi kliem iehor li jkun cittadin taghhom daqs kemm hu f'pajjizu.

L-ironija hi li lic-cittadini Ewropew huma l-ghaxar pajjizi kollha li gewh 25 Ewro. U l-mistoqsija li tigini f'mohhi f'dan il-mument m'hijiex hlief: allura Malta kemm setghet qamet lill-Ewropej? Hemm diversi modi kif tista' tipprova tirrispondi mistoqsija bhal din permezz tal-matematika. Ghal dawk li jinteressahom – jistghu jippruvaw jahdmuha minn perspettivi ohra.

Jiena hdimtha billi qabbilt l-area ta' Malta ma' l-area tat-total tal-pajjizi membri godda jigifieri l-ghaxra li se jsiru membri fl-2004. It-total ta' area ta' dawn il-pajjizi skond is-sorsi li rreferejt ghalihom jien jigi 866 k km2. Malta skond dawn l-istess sorsi hija 0.3k km2. Jekk niddividi 866k km2 b'0.3k km2 dan ifisser li Malta hija biss wiehed minn kull 2887.6666 ta' l-area totali tal-pajjizi l-godda.

Ghalhekk l-25 Ewro li hallas cittadin Ewropew biex ikollu l-libertajiet kollha tieghu f'Malta jigi 0.0086575 Ewro! Zgur li m'hemmx xi muniti ghal dan l-ammont! Jigifieri l-Ewropew xtara lil Malta b'0.0086575!

M'inix qed nipprova nkun ezatta fic-cifri tieghi ghax m'inix assolutament bniedma matematika! Però l-ammont huwa ovvjament negligibbli!

L-isfortuna hija li Malta, jaf jew ma jafx il-Prim Ministru, li mohhu f'li jwahhal f'Alfred Sant, l-Unjoni tat kasn abiss meta konna parti minn *tie-in agreement* – jigifieri bhala parti minn pakkett – u dan ghas-semplici raguni li jaqblilhom finanzjarjament. L-Unjoni ma nemmem qatt li kienet se taccettana membri jekk mhux fost hafna ohra – ghax kieku kien ikollna *bargaining position* ferm ahjar. Kieku l-Ewropej ma setghux jitkellmu fuq infieq ta' cifri impressjonanti fuq it-tkabbir u kieku nirrealizzaw kemm qed jixtruna b'irhis.

U jekk il-PM ma jaqbilx mieghi dwar dan ifisser jew li jaf li qed nghid tajjeb u ma jridx jammetti jew inkella li ghadnu xi tip ta' intelligenza inferjuri ghal tieghi li huwa ferm possibbli!

L-argument hu kemm giet lill-Maltin biex jiggwadanjaw access f'hamsa u ghoxrin pajjiz. Dik inhalliha ghal dawk interessati halli jikkalkulawha huma. U ovvjament, mhux qed nghidu li r-relevanza jew importanza ta' pajjiz titkejjel biss mill-kejl tal-kobor tieghu. Lanqas ma jien qed niehu inkonsiderazzjoni l-opportunitajiet per ezempju ta' impjieg f'pajjiz jew f'iehor.

Dawk l-affarijiet inhallihom ukoll ghall-immaginazzjoni u l-kalkoli taghkom. Lanqas m'hu qieghda nghid li l-proporzjon ta' kemm setghet qamet Malta lill-Ewropa ma jistax jaghti rizultati ferm differenti, per ezempju, jekk jinhadem a bazi ta' popolazzjoni. Nistieden lil kull min irid jaghti l-verzjonijiet tieghu dwar dan – hafna drabi biex jikkritikani – jaghmel hekk hu. Jista' jkun li min ikun ikollu hafna iktar hin biex jahdem is-sommom minni – ghax jiehdu hafna hin.

Il-fatt hu li l-prezz ta' Malta lill-Ewropew bhala parti minn *tie-in agreement* seta' kien irreklamat bhala "*Pay for Poland and Eastern Europe and get Malta and Cyprus free*!" Tant l-ammont kien negligibbli li nispera li ma jkunx daqstant iehor negligibbli l-lehen tal-PM u r-rapprezentanti taghna fl-Unjoni Ewropea!

Però, hu x'hinu, li hemm hemm. Malta digà kellna l-ewwel protesta ghax-xoghol f'pajjizna. Digà bdew isiru l-programmi dwar il-qghad f'pajjizna u digà bdew joghlew il-prodotti ta' l-ikel u jorhsu l-prodotti li m'humiex essenzjali. Digà koppji zghzagh bdew jaraw il-proprjetajiet taghhom jinbieghu b'subbasta u digà bdejna naraw l-immigranti llegali jokkupaw xoghlijiet li l-Maltin ma jridux jaghmlu. Il-Maltin digà saru jippretenduha wisq bla ma jintebhu li nofs il-problemi taghhom m'humiex frott ta' diziluzjonijiet u digà ghandna hafna Maltin li qed jistennew il-genna bla ma jintebhu li l-genna qatt m'hija se tasal. Digà s-sinjur qieghed jibda jistaghnaiktar milli kien u digà l-fqir qieghed jiftaqar. Bir-rata li sejrin sa sena ohra jkollna in-nies jghixu fil-kaxxi tal-kartun. Ghadkom lanqas biss tafu kemm nixtieq li m'ghandix ragun dwar dan izda lanqas ma ghandkom idea kemm il-biza' tieghu huwa kbir li jista' jkun kollu veru!

Haga wahda hija certa – li l-gvern prezenti se jkompli biss jipprova jhawwad l-imhuh u qatt m'hu se jammetti li l-gwaj gie minhabba fih. Gvern ghajjien li fil-fehma tieghi jista' jibqa' miftakar ghall-gideb u l-inkompetenzi. Ma nafx il-poplu li eliggihom kienx l-istess poplu li jitkellem fuqu Dun Karm jew xi Gorg Pisani.

Ghal kummenti jew suggerimenti iktbuli fuq lornav@onvol.net